MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 300/2003

Mark Pirotta
Vs
Joseph Mary sive Joseph u martu Josephine konjugi Cremona

Il-Qorti,

**CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni ta' l-attur li biha ppremetta:

Peress illi l-konvenuti permezz ta' prokura annessa mac-citazzjoni u mmarkata bhala Dok AD1 debitament awtorizzaw lil Johan Debono sabiex bi skrittura privata datata 25 ta' Novembru 2002 kopja annessa mac-citazzjoni u mmarkata Dok AD2 jobbliga ruhu li jbiegh u jittrasferixxi lill-attur li obbliga ruhu li jixtri minghand il-konvenuti l-fond tnejn u sittin (62) Saint Luke Street, Bugibba, San Pawl il-Bahar bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tieghu inkluz l-arja libera bil-prezz ta' hamsa u

ghoxrin elf u erba' mitt lira Maltin (Lm25,400) u bil-kundizzjonijiet skond l-iskrittura fuq imsemmija.

Peress illi l-prezz ta' hamsa u ghoxrin elf u erba' mitt lira Maltin (Lm25,400) fuq imsemmi gie saldat mill-attur fl-intier tieghu fuq l-iffirmar tal-iskrittura u ghaldaqstant giet moghtija d-debita ricevuta mill-konvenuti.

Peress illi fil-ftehim ta' bejgh fuq imsemmi gie pattwit illi tali ftehim kien jiskadi nhar it-18 ta' Marzu 2003.

Peress illi minkejja li l-konvenuti gew interpellati anke ufficjalment permezz tal-ittra ufficjali datata Dicembru 2002 biex jaddevjenu ghall-pubblikazzjoni tal-att finali, baqghu inadempjenti.

L-attur talab lill-Qorti biex:

1. Tiddikjara illi sal-lum il-konvenuti baqghu ma addivjenux ghall-kuntratt finali.

2. Tordna illi l-konvenuti jaddevjenu ghall-pubblikazzjoni tal-att notarili li bih ibieghu u jittrasferixxu lill-attur il-fond tnejn u sittin (62) Saint Luke Street, Bugibba, San Pawl il-Bahar, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tieghu inkluza l-arja libera in ezekuzzjoni tal-konvenju datat 25 ta' Novembru 2002.

3. Tinnomina Nutar sabiex jircievi u jippubblika l-kuntratt finali fil-gurnata, hin u lok li tistabilixxi din il-Qorti u jigu nominati kuraturi biex jirraprezentaw l-eventwali kontumaci fl-istess kuntratt.

Bl-ispejjez inkluz l-ittra ufficjali datata Dicembru 2002 u bl-imghax legali kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-attur.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati kemm bic-citazzjoni kif ukoll bil-mozzjoni ta' l-appuntament baqghu ma dehrux u li ghalhekk ghandhom jitqiesu bhala kontumaci.

**KONKLUZJONIJIET:**
Rat illi kien sar konvenju bejn il-partijiet u li sallum il-konvenuti ghadhom ma addivjenux ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt finali, il-Qorti ghalhekk tordna li l-konvenuti jaddivjenu ghall-pubblikazzjoni tal-att notarili biex ibieghu u jittrasferixxu lill-attur il-fond tnejn u sittin (62) Saint Luke Street, Bugibba, San Pawl il-Bahar, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tieghu inkluza l-arja libera in ezekuzzjoni tal-konvenju datat 25 ta' Novembru 2002. Tinnomina lin-Nutar Roland Wadge biex jircievi u jippubblika l-kuntratt finali fis-7 ta' Novembru f'nofsinhar fl-edifizzju tal-Qorti u tinnomina kuratur biex jirraprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att lil Dr. Pierre Lofaro.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata Dicembru 2002 u bl-imghax legali kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------